**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Nru. 60/14 JZM**

**Ignatius Busuttil**

***kontra***

**Kummissarju tal-Pulizija**

***u***

**l-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fis-26 ta` Awwissu 2014 li jaqra hekk :–

*Illi l-esponenti mar il-Belt nhar it-Tnejn l-4 ta` Awwissu 2014, nhar it-Tlieta 5 ta` Awwissu 2014 u nhar il-Gimgha 8 ta` Awwissu 2014 sabiex jipprotesta ghax hassu aggravat minn decizjoni amministrattiva tal-MEPA u biex jiltaqa` mal-Prim Ministru ;*

*Illi l-esponenti kien wahdu waqt il-protesta u ma kien hemm l-ebda theddida ghal sigurta` nazzjonali jew sigurta` pubblika jew possibilita` ta` dizordni jew l-ghemil ta` delitti ;*

*Illi d-dritt li juza l-liberta` tal-espressjoni huwa dritt moghti lil kull cittadin f`socjeta` demokratika taht il-Konvenzjoni Ewropea taht l-Artikolu 10, li jitratta dwar il-liberta` ta` espressjoni, kif ukoll taht l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ;*

*Illi d-dritt ghall-liberta` ta` espressjoni tinkludi d-dritt li jkollu fehmiet minghajr indhil u li jaghti u/jew jikkomunika ideat minghajr indhil mill-awtorita` pubblika (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in generali jew lil xi persuna jew klassi ta` persuni) ;*

*Illi l-esponenti ma thalliex jesprimi ruhu ghax gie mwaqqaf mill-Pulizija li ordnawlu jieqaf milli juza d-dritt tal-liberta` ta` espressjoni tieghu minnufih u haduh fl-Ghassa tal-Belt f`dawn it-tlett okkazjonijiet hawn fuq imsemmija, u fit-8 ta` Awwissu 2014 haduh ukoll id-Depot kif ukoll l-isptar ;*

*Illi wara li l-esponent ma waqafx mill-protest ghax kien jaf li kellu kull dritt li jipprotesta u li ma kien hemm ebda possibilita` ta` dizordni dan gie arrestat mill-Pulizija fi tlett okkazjonijiet ;*

*Illi nhar it-8 ta` Awwissu 2014 wara li haduh l-Ghassa tal-Belt bl-arrest ghall-habta tal-ghaxra haduh id-Depot, Floriana u bl-iskuza li kellu jarah tabib haduh il-Poliklinika tal-Floriana fejn it-tabiba ghamlitlu appuntament ghal l-ghada gewwa Mater Dei ma tabib psikjatra. Wara regghu haduh id-Depot u wara haduh l-isptar Mater Dei fejn ge invistat minn certu tabib Dr Sant li tah karta sabiex joqghod tlett ijiem l-isptar Mount Carmel. L-ghada s-Sibt 9 ta` Awwissu 2014, gie invistat mit-Tabib Giorgio li rrilaxxah ;*

*Illi jidher car illi akkost ta` kollox il-Pulizija riedu jsibu skuza sabiex iwaqqfuh milli jkompli jesprimi ruhhu sakemm sabu tabib li ordnalu jmur Mount Carmel meta jidher car li l-ewwel tabib li ratu ma baghtitux;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-*

*1) Tiddikjara li fil-konfront tal-esponenti, gew vjolati l-jeddijiet protetti mill-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*2) Taghti r-rimedji li jidhrilha opportuni ;*

*3) Tillikwida l-kumpens dovut ghal tali vjolazzjoni u d-danni sofferti mill-esponenti, u konsegwentement tordna l-hlas tal-istess ammont likwidat lill-esponenti.*

Rat ir-risposta tal-intimati li kienet prezentata fid-29 ta` Settembru 2014 u taqra hekk :–

*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta l-Avukat Generali mhuwiex legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna stante li ma hemm xejn fir-rikors promotur li huwa addebitat jew li jista` jigi addebitat lilu u ghaldaqstant l-Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ;*

*2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin ;*

*3. Illi bir-rispett dovut, il-verzjoni tal-fatti moghtija mir-rikorrenti hija distorta immens. Effettivament, ir-rikorrent qatt ma gie vjetat mil-liberta` tal-espressjoni izda gie biss ivvjetat milli jipparkja l-vettura tieghu f`post fejn il-parkegg huwa vjetat hdejn il-Berga ta` Kastilja. Madanakollu r-rikorrent ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u kien dan li wassal ghall-arrest tieghu ;*

*4. Illi jigi wkoll rilevat li ghalkemm ir-rikorrent gie mitkellem mill-Pulizija fl-4 (erbgha) u fil-5 (hamsa) ta` Awwissu 2014, huwa gie arrestat biss fit-8 (tmienja) ta` Awwissu 2014 u kull allegazzjoni da parti tieghu li gie arrestat mill-Pulizija fi tlett okkazjonijiet hija nfondata ;*

*5. Illi inoltre, mhuwiex minnu li ma kien hemm l-ebda theddida ghal sigurta` nazzjonali jew sigurta` pubblika jew possiblita` ta` dizordni jew ghemil ta` delitti kif allegat mir-rikorrent. Il-mod kif zvolgew il-fatti fuq numru ta` granet inkluz id-dikjarazzjonijiet li r-rikorrent ghamel b`mod volontarju mal-Pulizija kienu jindikaw mod iehor ;*

*6. Illi l-allegazzjoni ingurjuza da parti tar-rikorrent fis-sens illi l-Pulizija haduh l-isptar `sakemm sabu tabib li ordnalu jmur Mount Carmel` sabiex jostakolaw lir-rikorrent milli jesprimi ruhu hija ghal kollox infondata. Din assolutament ma kinitx ir-raguni ghalfejn il-Pulizija rreferew lir-rikorrent ghal check up mediku. Ir-rikorrent naqas milli jispjega li kien huwa stess li ma diversi ufficjali tal-Pulizija u f`bosta okkazjonijiet, waqt li kien qieghed jirrakkonta l-allegat dizgwid li kellu mal-MEPA, mad-Dipartiment tal-VAT u mad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, stqarr li kellu `mard mentali`. Specifika li Dr Mark Xuereb kien iccertifika li kellu kundizzjoni msejjha skizzofrenija. Stqarr ukoll li l-imsemmi tabib kien ilu jsegwih mill-2001 u minkejja li kien ippreskrivielu `hafna medicini` huwa ma kienx johodhom. Kien f`dan il-kuntest u fil-kuntest tal-vicendi kif svolgew ruhhom li l-Pulizija hassew il-htiega li jirreferu lir-rikorrent ghal check up mediku in kwantu huwa fir-responsabbilta` taghhom li jassiguraw ruhhom li persuna li tinsab arrestata tinghata attenzjoni medika fejn din tkun mehtiega ;*

*7. Illi jirrizulta ghalhekk li mhuwiex minnu li r-rikorrent gie mcahhad mid-dritt tal-liberta` tal-espressjoni kif allegat minnu u kull allegat ksur tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa ghal kollox infondat u insostenibbli ;*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra tieghu.*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Ir-rikorrent** xehed illi fl-4 ta` Awissu 2014 kellu appuntament il-MEPA ma` Mario Scicluna, ufficjal tal-Awtorita`. Dan l-ufficjal beda jkellmu qisu kien qed ikellem tifel zghir u hassu offiz. Ghalhekk mar bil-karozza tieghu lejn il-Berga ta` Kastilja biex ikellem lill-Prim Ministru ghaliex deherlu li b`hekk se jinqeda ahjar. Ipparkja l-karozza mat-tondjatura ta` Kastilja. Mar pulizija fuqu u qallu li ma setax jipparkja hemm. Huwa wiegeb lill-pulizija li kien se jdum biss ftit tal-hin ipparkjat hemm. Mar lejn id-dhul ghal Kastilja u hemm waqqfuh. Is-suldat li kien mal-bieb qallu li sabiex ikellem lill-Prim Ministru kellu jaghmel appuntament u jiktiblu. Wiegeb lis-suldat illi huwa kien kiteb numru ta` ittri izda baqa` bla risposta. Meta nizel it-tarag ta` Kastilja, il-pulizija li kien kellmu qabel deher qed jaghtih citazzjoni. Staqsa lill-pulizija ghala kien qed jaghmel hekk la dam biss minuta kollox. Meta ra dan kollu r-rikorrent qaghad bilqeghda fuq it-tarag ta` Kastilja. Il-pulizija mar fuqu u ghal ewwel beda jigbdu u qallu biex jitlaq minn hemm. Hu irrifjuta li jitlaq. Wara ftit minuti waslu xi hames jew sitt pulizija ohra. Huwa ma riedx ikabbar il-kwistjoni u ghalhekk dahal fil-karozza maghhom u haduh l-Ghassa tal-Belt. Wara xi ghaxar minuti jistenna l-Ghassa, mar fuqu pulizija u qallu li seta` jitlaq u biex imur inehhi l-karozza minn Kastilja. Huwa mexa lura lejn Kastlija, u dahal fil-karozza, u saq lejn id-dar.

Kompla jixhed illi l-ghada 5 ta` Awissu 2014, huwa wahhal numru ta` posters mal-karozza tieghu tal-marka Suzuki (dawk li jidhru fuq disa` ritratti esebiti u mmarkati Dok R1 sa Dok R9) u mar Kastilja. Kif wasal fil-post, cempillu xi hadd fuq il-mobile u biex jirrispondi waqaf fuq in-naha tax-xellug faccata ta` Kastlija. Pulizija rega` mar fuqu biex iccaqlaq il-karozza. Mar fejn kienu jipparkjaw it-taxis, sab post vojt u pparkja hemm. Mistoqsi mill-Qorti

ghaliex ipparkja l-karrozza bil-posters imwahhlin, stqarr illi huwa ghamel hekk ghaliex ried li jekk ikun ghaddej il-Prim Ministru jew il-Ministri jaraw il-karozza tieghu u jattira l-attenzjoni taghhom. Il-pulizija qallu biex inehhi l-karozza u biex imur jaghmel hekk quddiem il-MEPA. Hu kien bilqeghda fil-karozza u l-pulizija marru biex johorguh. Imbaghad arrestawh. Il-pulizija rega` haduh l-Ghassa tal-Belt, poggewh go kamra, u wara saghtejn u nofs tellghuh quddiem l-Ispettur Darryl Borg fejn ghamel stqarrija. Wara li ffirma l-istqarrija, telaq u mar ghall-karozza.

Spjega illi dik il-gimgha stess huwa rega` mar Kastlija u rega` pparkja hdejn tat-taxis. Wara xi hames minuti mar fuqu pulizija bin-nru 3096 u rega` haduh l-Ghassa Valletta. Hallewh go kamra ghal madwar saghtejn u wara haduh l-Kwartieri Generali tal-Pulizija Floriana. Minn hemm haduh ic-Centru tas-Sahha tal-Floriana. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex mar ic-Centru tas-Sahha, wiegeb illi waqt li kien qed jinterrogah l-Ispettur Pierre Grech u staqsih jekk kienx qatt mar ghand psikjatra huwa stqarr mal-Ispettur li fl-2010 kellu problema bl-irqad u ghalhekk spicca l-Isptar Mater Dei ; hemm kien invistat minn psikjatra. Imbaghad rega` rah psikjatra darba ohra fl-2012 u cioe` Dr. Mark Xuereb. Mistoqsi mill-Qorti jekk meta mar biex ikellem lill-Prim Ministru kienx taht il-kura ta` psikjatra, huwa wiegeb illi ma kienx ; lanqas ma kien jiehu medicini hlief dawk ghall-qalb u ghall-pressjoni.

Fisser illi meta haduh ic-Centru tas-Sahha, it-tabiba li ratu kienet Dr. Scalpello. Din ghamlitlu karta biex imur l-Isptar Mater Dei fid-9 ta` Awissu 2014. Din il-karta haduha l-pulizija u rega` marru lura l-Kwartieri fejn lir-rikorrent geghluh jiffirma stqarrija. Wara dan haduh l-Isptar Mater Dei, rah Dr. Sant li ghamillu karta biex imur ghal tlitt ijiem l-Isptar Mount Carmel. La huwa kien arrestat din il-karta ma rahiex. Marret ambulanza li haditu l-Isptar Mount Carmel. Meta wasal hemm, kien invistat minn Dr. Giorgio. Kemm dam Mount Carmel ma inghata l-ebda kura. Meta kien hemm, irnexxielu jcempel lit-tifel li beda jipprotesta dwar il-fatt li kienu qed izommuh hemm. Wara li rega` rah Dr. Giorgio, kien rilaxxjat is-Sibt wara nofsinhar. Ghalhekk ma ghamilx it-tlett ijiem li kien semma t-tabib ta` l-Isptar Mater Dei.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ir-rikorrent stqarr illi minbarra din l-kawza, ma kellux proceduri ohra la kontra l-MEPA u lanqas kontra l-Prim Ministru. Mistoqsi jekk meta waqfu l-pulizija l-ewwel darba fl-4 ta` Awissu 2014 kienx offenda lill-pulizija, wiegeb li m`ghamilx hekk. Mistoqsi jekk meta kien fuq it-tarag ta` Kastilja kien qal lill-pulizija x`kienet it-tilwima li kellu mal-MEPA, wiegeb li jista` jkun li qallu. Cahad illi lil dan l-pulizija semmielu xi haga dwar il-kondizzjoni mentali tieghu. Moqrija l-istqarrija tieghu, in partikolari fejn qal li hu kien mar ghand Dr. Mark Xuereb li kien tah xi medicini u li

kien hu li ddecieda li ma johodohomx aktar, wiegeb illi tassew kien beda jiehu xi medicini, u tassew li mbaghad waqqafhom. Ikkonferma li lill-pulizija kien qalilhom li ma kienx qed jiehu l-medicini ghaliex ma rax li ghandu bzonn johodhom.

**Tabib Psikjatra Jean Pierre Giorgio** xehed illi fid-9 ta` Awissu 2014 kien il-konsulent psikjatra li kien xoghol l-Isptar Mount Carmel. Ir-rikorrent dahal l-isptar ccertifikat kontra r-rieda tieghu ai termini tal-Mental Health Act. Qabel ingieb Mount Carmel, kien invistat mill-crisis team ta` Mater Dei. Billi dawn dehrilhom li kien hemm riskju baghtuh kontra r-rieda tieghu Mount Carmel. Ic-certifikat ta` referenza minn Mater Dei kien iffirmat fit-8 ta` Awissu 2014 minn Dr. Kris Sant, li huwa *trainee physchiatrist*. Ir-rikorrent dahal Mount Carmel fit-8 ta` Awissu 2014 fil-6.20 pm. Bhala procedura meta jidhol pazjent, la dan kien out of hours jarah t-tabib tal-ghassa li jkunu *trainees* jew assistenti ; il-konsulent jarah l-ghada. Fir-referenza tieghu minn Mater Dei kien hemm miktub : *"Dr Mark Xuereb in brackets kien hemm question mark schizophrenia non complainant to treatment for years. Multiple parallel delusions … Protesting times two in front of Kastilja, driving after President, arrested .. still not excluding going back. Currently under arrest section under emergency order."*

Fisser illi meta dahal Mount Carmel, l-ewwel ratu Dr. Donatella Gauci u ddahhal fil-*mixed admission ward.* Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx kif ghadda l-lejl, ix-xhud qara min-noti tieghu li : *"First night in ward patient settled visited by his son slept most of the night … woke up in a timely manner, compliant to treatment, claims he is not eating in the ward and refuses to shower. Patient does not know why he was brought here claims he was protesting peacefully in front of Castille but the police were handing him out fines for parking badly and hindering him. He was eventually arrested and taken to the Police Station"*

Qal illi minbarra l-medicini normali kontra l-pressjoni ma kienx hemm trattament psikjatriku. Huwa invistah ghal xi 9.30 a.m., u ma seta` jsib l-ebda sinjal ta` mard mentali serju jigifieri ma setax jifhem ghaliex kien hemm. Tkellem ukoll ma` Dr. Xuereb u ma jistax jifhem ghaliex kien hemm miktub "schizophrenia ?" ghaliex Dr. Xuereb qallu li kien rah biss dwar ansjeta`. Mill-vista li ghamel tar-rikorrent, irrizulta li kien bniedem normali, fis-sens ta` bniedem b`karattru forsi daqsxejn ribelluz, u li kien irrabjat ghal dak li gara pero` ma kienx hemm sinjali li kellu jibqa` l-Isptar jew li kellu bzonn ta` kura fit-tul, zgur mhux ta` schizophrenia u lanqas ghal xi *mood disorder*. Ghalhekk kien irrilaxxjat dakinhar stess ghalkemm tkellem mieghu

biex jarah darba l-*outpatients*. Meta fittex ir-records tal-Isptar Mater Dei ma jirrizultax illi qatt mar l-*outpatients*.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehed li Dr. Donatella Gauci, ghax kienet *trainee physchiatrist* u ghax ir-rikorrent kien dahal kontra r-rieda tieghu, ma kellhiex l-awtorita li tirrilaxxja lir-rikorrent. Fl-Isptar Mount Carmel ma kienx hemm file dwar ir-rikorrent.

**<u>Fir-riezami</u>**, Dr Giorgio kien mistoqsi x`setghet kienet r-raguni ghaliex r-rikorrent gie mizmum l-gimgha u ordnat li jmur Mount Carmel. Huwa wiegeb illi wiehed ikun imhasseb li l-persuna tkun riskju jew ghalih nnifsu jew ghal haddiehor minhabba ragunijiet ta` sahha mentali. Jekk ma jkunx hemm problemi ta` sahha mentali, mqar suspett, bniedem ma jistax jiddahhal kontra r-rieda tieghu fl-Isptar Mount Carmel. Mistoqsi jekk persuna li tkun *mentally imbalanced* tistax minn gurnata ghal ohra tigi tajba, wiegeb li dan ma jistax jigri, ghax ma jistax jghaddilu fi ftit sighat, minghajr trattament.

**<u>Tabib Psikjatra Kris Sant</u>** xehed illi huwa nvista lir-rikorrent bhala parti mill-*crisis team* fl-Isptar Mater Dei wara li ttiehed hemm minn zewg pulizija (PS 1098 u PC 710). Skont dawn il-pulizija, ir-rikorrent kien ipprova jattakka lill-President. Il-pulizija qalulu li kien diga` gie arrestat qabel ghaliex kien mar jipprotesta quddiem Kastilja, li kienu wissewh xi jumejn qabel u kien rega` mar jipprotesta u kien rega` spicca arrestat ghaliex ir-rikorrent kien dahal fil-karozza u kien ha jsuq wara l-President.

Stqarr illi meta kellem lir-rikorrent, beda jidher li kellu certa hsibijiet fis-sens li kien qed jahseb hazin fin-nies. Ra l-istqarrija provduta mill-pulizija fejn kien hemm diskors fis-sens li beda jiddevja minn suggett ghal iehor. Ir-rikorrent qallu li kien qed jarah Dr. Mark Xuereb u li kien ghadu kif biddillu xi medicini gimgha qabel. Ghalhekk ix-xhud beda jissuspetta li seta` kien hemm effett relatat mal-bdil fit-trattament. Huwa xtaq li kieku kellu aktar informazzjoni mill-mara u mit-tifel tar-rikorrent, izda r-rikorrent qallu li ma riedx jinvolvihom. Qal li bhala parti mill-ezami taghhom, huma dejjem jippruvaw jiehdu *collateral history* ; fl-istess waqt kellha tigi rispettata l-kunfidenzjalita` tal-persuna li ma jkunx irid jinvolvi lill-familja.

Stqarr illi huwa ma kienx hassu sikur li jibghat lir-rikorrent id-dar ghar-raguni li meta staqsa lir-rikorrent jekk fil-kaz li jibghatu d-dar kienx ser jerga` jikser il-paci pubblika u jipprova jmur wara l-President, ir-

rikorrent ma ndikax li ma kienx se jerga` jirrepeti l-agir tieghu. Ir-rikorrent qallu li kien mar jipprotesta quddiem Kastilja minhabba xi haga dwar il-MEPA, u l-President kienet inzertat hierga minn Kastilja, u mar biex ikellimha, hi ma kellmitux u allura ried imur warajha biex ikellimha.

Fisser illi fid-Dipartiment tal-Emergenza t-tobba ghamlu ezami kliniku tar-rikorrent izda ma sabu xejn. Hu wasal ghad-decizjoni li jibghat ir-rikorrent l-Isptar Mount Carmel bhala prekawzjoni mhux ghal trattament. Ha dik id-decizjoni minhabba l-fatt li ma kellhomx bizzejjed informazzjoni, billi diga kien qed jigi kkurat minn Dr. Mark Xuereb, u billi ma riedx jinvolvi l-familja. Mistoqsi mill-Qorti kkonferma li r-rikorrent qallu li kien qieghed fuq trattament u semmielu l-pilloli li jiehu. Mistoqsi jekk rax certifikat ta` Dr. Scalpello jirrispondi li ma rahx. Mistoqsi jekk kienx hemm certu pressjoni da` parti tal-pulizija minhabba l-fatt li huma qalu li ried imur ghall-President, jirrispondi illi seta` kien hemm ftit tensjoni, izda hu ha d-decizjoni mhux ghaliex kien taht pressjoni izda fl-ahjar interess tal-pazjent u ghas-sigurta ta` ohrajn.

Ipprezenta n-noti tal-*crisis team* (Dok KS1).

**Tabib Donatella Gauci** xehdet illi hija kienet *specialist trainee* fit-tieni sena. Tispjega li kienet on call l-Isptar Mount Carmel u r-rikorrent wasal hemm *b`emergency order* mahrug mill-*crisis team* ta` l-Isptar Mater Dei. Ir-rikorrent wasal mal-pulizija. Qalilha li kellu problemi mal-MEPA u li kien ghamel diversi protesti Kastilja u quddiem id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Mistoqsija mill-Qorti x`dijanjosi ghamlet, wiegbet illi f`saghtejn ma tistax issir dijanjosi, u li l-pazjent ghandu jigi osservat. Dak il-hin kien hemm affarijiet li mhumiex certi u dawn ma setghux jigu kkonfermati ghaliex hu ma riedx jinforma lill-familja. Tghid li quddiemha r-rikorrent kien kalm, izda kien hemm qisu certu distakk mir-realta`. Hi bilfors kellha zzommu l-isptar ghaliex kellu l-karti lesti, u kienet nfurmat lil konsulent Dr. Giorgio li kien dahal pazjent gdid. Ir-rikorrent kien iddahhal *b`emergency orde*r, kellu joqghod hemm taht osservazzjoni ghal tnejn u sebghin (72) siegha. La kien taht osservazzjoni, ma bdiet l-ebda trattament u hallietu taht livell normali ta` supervizjoni minghajr il-bzonn ikun taht supervizjoni kostanti.

Qalet illi l-pulizija qalulha li r-rikorrent kien ghamel diversi protesti quddiem Kastilja u quddiem id-Dipartment tas-Sigurta Socjali. Mistoqsija jekk l-pulizija kienux issuggerewlha li kellu jinzamm Mount Carmel, wiegbet illi hekk ghamlu.

Ipprezentat il-file tar-rikorrent (Dok DG1).

**<u>Tabib Christine Scalpello</u>** xehdet illi fit-8 ta` Awissu 2014 invistat lir-rikorrent fic-Centru tas-Sahha tal-Floriana. Gabuh hemm zewg pulizija u kien immanettjat. Il-pulizija riedu li taghmillu ezami psikjatriku u hija ghamlitlu t-test maghruf bhala *mini mental state* u rrizulta li kien kollox normali. Izda r-rikorrent qalilha li hu kien qed jara diga` lill-psikjatra Dr Mark Xuereb u li ma kienx baqa` jmur ghall-appuntamenti u ma kienx baqa` jiehu l-medicini. Cemplet l-isptar biex tara tkellimx lil Dr. Xuereb, izda kien imsiefer, u l-konsulent tal-outpatients qalilha biex imur l-ghada biex jaraw jekk ghandu bzonn ghajnuna. Spjegat dan kollu lir-rikorrent u lill-pulizija. Ir-rikorrent qalilha li se jmur l-ghada u telqu. Qalet illi l-pulizija riedu jkunu jafu minghandha jekk r-rikorrent kienx mignun. Tghid ukoll li kieku r-rikorrent ma semmiex li kien jara lil Dr. Xuereb hija ma kenitx tasal ghal konkluzjoni li seta` kellu bzonn trattament ghaliex ghaliha kien jidher normali. Tispjega li huma dejjem hekk jaghmlu, jekk persuna tkun nqatghet mit-tabib u waqqaf l-kura, jergghu jibghatuh ghand t-tabib.

**<u>Tabib Psikjatra Mark Xuereb</u>** xehed illi r-rikorrent huwa pazjent tieghu. Kien ilu jarah regolarment ghall-ahhar erbgha, hames snin. Qal illi r-rikorrent huwa persuna ntelligenti hafna u ta` principju. Ghandu l-konvinzjoni qawwija li dak li huwa tajjeb. Huwa persuna li ghadda minn hafna materji personali, u kellu element ta` dipressjoni kif del resto ghandha kwart tal-popolazzjoni ta` Malta u Ghawdex. Huwa persuna edukata u jikkollabora dejjem. Ikkonferma li r-rikorrent ghandu depression, jew ahjar *"unipolar effective disorder"*. L-effetti huma li xi drabi jkun ftit iktar ghajjien jew mdejjaq izda hu proattiv u jitlob ghal ghajnuna. Ghalhekk l-inabilita` li l-affarijiet ma jmorrux kif ghandhom imorru jdejqu ghaliex ghandu principji sodi, u jekk hemm xi haga li fil-principju jahseb li ghandu ragun se jiggieled ghaliha, mhux fizikament izda bil-mezzi li ghandu. Bhala kura kellu bzonn l-medicini antidepressivi.

Mistoqsi mill-Qorti x`jidhirlu dwar l-agir tar-rikorrent meta mar Kastilja, wiegeb illi r-rikorrent kien qed jasserixxi d-drittijiet civili tieghu. Dan m`ghandu x`jaqsam xejn ma` sahha mentali. Ghalhekk ghalih il-fatt li mar Kastilja biex jipprotesta mhijiex wirja jew manifestazzjoni ta` mard mentali. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx necessarju illi jigi arrestat, immanettjat, mehud ic-Centru tas-Sahha u wara l-Isptar Mount Carmel, wiegeb li dak ma kienx necessarju. Biex seta` kien evitat dan kollu t-tobba z-zghar misshom kellmu jew lilu jew lil xi tabib iehor. Mistoqsi mill-Qorti jekk

xi hadd ghamilx kuntatt mieghu meta kien msiefer, wiegeb li hadd ma ghamel kuntatt. Ir-rikorrent dejjem ha l-medicini regolarment. Ikkopera mieghu. Ghadu jigi trattat.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehed illi huwa qatt ma kellu kuntatt mal-pulizija jew sema l-verzjoni tal-fatti minghandhom, izda wara l-incident kellem kemm lit-tobba kif ukoll lir-rikorrent. Jghid li r-rikorrent kien fuq diversi medicini skont ic-cirkostanzi u anke kien qed jiehu medicina *anti psychotic*, izda jispjega li din tittiehed mhux ghaliex wiehed ikun psikopatiku izda ghaliex f`ammonti zghar tghin l-medicini l-ohra. Dwar ir-rikorrent jghid illi hu kien jmur ghal appuntamenti regolarment, u mill-karattru tieghu m`ghandux ghal fejn jiddubita li ma kienx qed jiehu l-medicini. Mistoqsi allura dwar dak li qal r-rikorrent li kien waqqaf l-medicini, stqarr illi jista` jkun li f`dak l-mument minhabba c-cirkostanzi kollha jkun qal xi haga hekk izda dan ma jfissirx li kien hekk. Jekk ma kienx qed jiehu l-medicini izda, dan ma jfissirx illi l-imgieba tieghu tinbidel ghaliex l-effett tal-pillola tibqa` fil-gisem ghal certu zmien.

**<u>PS 1114 Marlon Hili</u>** xehed fl-4 ta` Awissu 2014, cempillu PC 690 li kien ghassa ma` l-Berga ta` Kastilja li nfurmah li kien hemm persuna li qed tikkawza l-problemi u li kien qed jirrifjuta li jobdi l-ordnijiet tal-pulizija. Qallu li dan kien certu Nazju Busuttil. Dan kien qieghed bilqeghda fuq it-tarag ta` Kastilja u meta l-pulizija qallu biex iqum ir-rikorrent beda jirrifjuta. Minbarra dan ir-rikorrent kellu l-karozza pparkjata fuq d-*double yellow line*, qalulu biex inehhiha u ghalkemm ghall-ewwel irrifjuta mbaghad nehhiha. Meta staqsa lir-rikorrent ghaliex kien qieghed hemm, qallu li ried ikellem lil Prim` Ministru u qal likien qed ihossu abbandunat. Ir-rikorrent qallu li qed ibati minn xi problemi mentali u li ma kienx qed jiehu l-kura. Dakinhar, wara li kellmu, ir-rikorrent qabad il-karozza u telaq.

Kompla jixhed illi fit-8 ta` Awissu 2014 rega` kien xoghol u cempillu PC 1073 Roger Zarb. Dan qallu li kien hemm persuna Kastilja li kien qed jaghmel forma ta` protesta. Mar fuq il-post u ra lir-rikorrent. Ghal darb`ohra kien ipparkjat illegalment u fil-vettura tieghu kellu xi kartelluni mwahhlin. Ir-rikorrent gie mwissi li minhabba l-fatt li ma kienx qed jikkopera mal-pulizja kien mitlub jmur l-Ghassa tal-Belt mill-Ispettur Darryl Borg, ghaliex kienet t-tielet darba li kien gie mwissi.

Qal illi r-rikorrent kien qed jaghmel protesta silenzjuza ghaliex kemm kien qed iserrah mal-karrozza li kellha kartelluni mwahhlin maghha. Ir-rikorrent ittiehed l-Ghassa tal-Belt sabiex ikellmuh l-Ispettur Darryl Borg u l-Ispettur James Grech mis-CID. Meta haduh l-Ghassa nehhew il-karozza

tieghu li kienet ta` ingombru u haduwha hdejn l-istatwa ta` Boffa. Huwa f`dak il-mument ma` kienx taht arrest, u kien r-rikorrent stess li caqlaq l-karozza u poggiha hdejn l-istatwa ta` Boffa. Mistoqsi dwar d-diskors li qallu r-rikorrent jghid li meta staqsieh x`kienet r-raguni li kien qed jaghmel hekk, r-rikorrent qallu li kellu xi problemi mentali u li ma kienx qed jiehu l-kura.

**Fil-kontroezami**, xehed illi jista` jkun li qal lir-rikorrent sabiex inehhi t-tabelli mill-karozza.

Ippreciza illi fl-4 ta` Awissu 2014, meta hu kien mar jassisti lil PC 690 Kenneth Pace hdejn Kastilja, kien talab lir-rikorrent biex inehhi l-karozza ghaliex kienet ipparkjata hazin. Wara li talbu biex inehhi l-karozza talbu biex imur l-Ghassa mieghu, izda r-rikorrent fl-ebda hin ma kien arrestat. Ir-rikorrent tela` fil-karozza maghhom u mar l-Ghassa. Wara li kellmuh l-Ghassa telaq wahdu bil-mixi.

**PC 690 Kenneth Pace** xehed illi fl-4 ta` Awissu 2014 kien duty Kastilja. Ghal habta tal-10.00 a.m., wasal ir-rikorrent u pparkja fuq id-double yellow line. Ir-rikorrent mar fuqu u qallu li ried ikellem lill-Prim Ministru. Ghalkemm huwa qal lir-rikorrent li ma setax jaqbad u jitla` t-tarag ta` l-Berga, dan hekk ghamel u waqqfu s-suldat li jkun hemm fil-bieb. Is-suldat qallu l-istess haga. Qallu wkoll biex jaghmel appuntament. Ir-rikorrent stqarr illi ma riedx jaghmel appuntament. Qalulu biex jitlaq u jnehhi l-karozza. Billi rrifjuta, inghata citazzjoni. Waqt li kien qed johroglu c-citazzjoni, ir-rikorrent pogga bilqeghda fuq t-tarag ta` Kastilja. Huma ma jhallu lil hadd bilqeghda fuq it-tarag ghal ragunijiet ta` sigurta`. Waqt li kien qed jghidlu biex iqum, ir-rikorrent beda jghidlu li l-Gvern ta` qabel ma ghinux, u l-Gvern tal-lum ma ghinux lanqas. Qallu li kellu problemi ta` sahha mentali. Huwa cempel l-Ghassa tal-Belt ghal assistenza u pprova jaqbdu b`idejh biex iqajjmu izda irrezistih. F`din l-ewwel okkazjoni ma kienx hemm tabelli mwahhlin mal-karozza. Meta waslu l-pulizija mill-Ghassa qam u rikeb maghhom. Wara ftit tal-hin, ir-rikorrent rega` tela` Kastilja u saq minn fuq l-post.

**Fil-kontroezami**, xehed li kien wahdu meta r-rikorrent qallu dwar il-mard mentali. Ikkonferma li r-rikorrent qallu kliem dwar mard mentali. Quddiemu ma kienx hemm diskors mas-surgent ghaliex malli waslet il-karrozza tal-pulizija, ir-rikorrent qam u mar maghhom.

**PC 710 Stephen Gulia** xehed illi fil-5 ta` Awissu 2014 ghal habta tas-1.00 pm kien rappurtat li kien hemm persuna hdejn il-Berga ta` Kastilja li riedet tkellem lill-Prim Ministru minghajr appuntament. Flimkien ma` PC 332, marru fuq il-post. Hemm sabu lir-rikorrent li kellu vettura u li fuqha kienu mwahhlin xi karti bil-kliem *MEPA shame on you*, *MEPA xejn sew* u l-*MEPA ma timxix ma` kulhadd l-istess*. Huma kellmu lir-rikorrent u staqsewh jekk riedx jinzel l-Ghassa tal-Belt maghhom biex jiddiskutu l-problema tieghu u hu accetta li jmur maghhom. Minn dak li jiftakar l-karrozza tar-rikorrent baqghet ipparkjata quddiem it-tarag ta` Kastilja. Huwa nizel l-Ghassa volontarjament, mhux taht arrest.

**PC 332 Rosario Azzopardi** kkonferma l-istess verzjoni ta` PC 710.

**Spettur Darryl Borg** xehed illi fl-4 ta` Awissu 2014, kienu nfurmawh li kien hemm persuna li marret bil-vettura taghha quddiem il-Berga ta` Kastilja, ipparkjat b`mod irregolari, nizlet mill-vettura u marret bilqeghda fuq it-tarag ta` Kastilja. Il-persuna kienet ir-rikorrent. Irrizulta li PC 690 kellem bit-tajjeb lir-rikorrent illi ma setax jibqa` fuq t-tarag. Ir-rikorrent telaq.

Kompla jghid illi fil-5 ta` Awissu 2014, ir-rikorrent rega` mar hdejn t-tarag ta` Kastilja bil-vettura tieghu. Mal-vettura kien hemm imwahhla kartelluni dwar il-MEPA. Meta kien infurmat b`dan, talab lir-rikorrent sabiex imur l-ghassa tal-Belt biex jitkellem mieghu u biex jara x`inhi l-problema. Mistoqsi mill-Qorti jekk r-rikorrent marx volontarjament jew jekk kienux il-pulizija li haduh l-Ghassa, stqarr li gabuh l-Ghassa l-Pulizija pero` ma kienx taht arrest. Meta wasal l-Ghassa u staqsa lir-rikorrent ghaliex mar Kastilja, ir-rikorrent qallu li kien ipprova jaghmel kuntatt mal-Prim Ministru diversi drabi, u qallu "*dejjem tnejku bija*". Qallu li kellu problema mal-MEPA li ried iniffed zewg garages u ma harigx il-permess. Minhabba l-fatt li l-ewwel darba li mar Kastilja semma l-fatt li kellu xi problemi mentali u li ma kienx qed jiehu l-kura, staqsa dwar dan lir-rikorrent li qallu li kien qed jara li Dr. Mark Xuereb u li kien iccertifika li kien qed ibati minn kundizzjoni mentali, skizzofrenja u li kien tah xi medicini. Qallu biex jipprova jaghmel appuntament Kastilja bil-procedura normali.

Kompla jixhed illi fit-8 ta` Awissu 2014 ghal habta tad-9.00 a.m. kien infurmat illi r-rikorrent rega` mar Kastilja, u rega` pparkja l-karozza llegalment. Fil-vettura kien hemm il-kartelluni u li ried ikellem lill-Prim Ministru. Huwa ta struzzjonijiet lis-surgent biex igib lir-rikorrent l-Ghassa din id-darba taht arrest ghaliex ma kienx obda l-ordnijiet. Ta struzzjonijiet

biex jiehdu lir-rikorrent ic-Centru tas-Sahha tal-Floriana. Kien infurmat illi Dr. Scalpello kienet irreferietu l-Outpatients Mater Dei biex ikellem lil Dr. Xuereb fid-9 ta` Awissu 2014. Wara li ngieb l-Ghassa tal-Belt fejn kellmuh hu u l-Ispettur James Grech. Fin-12.30 pm irrilaxxja stqarrija.

Ipprezenta zewg stqarrijiet li ghamel ir-rikorrent ; l-ewwel wahda fil-5 ta` Awissu 2014 u l-ohra fit-8 ta` Awissu 2014.

Kompla jixhed illi wara li tlestiet it-tieni stqarrija, ir-rikorrent ittiehed l-Isptar Mater Dei. Rah Dr Sant mill-Crisis Unit li ddecieda li kien ahjar li r-rikorrent ikun skortat lejn l-Isptar Mount Carmel.

**Fil-kontroezami**, stqarr illi fit-8 ta` Awissu 2014 ir-rikorrent ma kienx arrestat ghaliex kien qed jipprotesta izda ghaliex ma kienx obda l-ordnijiet tal-pulizija meta rega` pparkja hazin.

**PC 780 Ian Camilleri** xehed illi fil-5 ta` Awissu 2014, ghal habta tas-2.00 pm, kien prezenti fil-ufficcju tal-Ispettur Darryl Borg l-Ghassa tal-Pulizija Valletta, fejn ir-rikorrent irrilaxxja stqarrija. Ikkonferma Dok DB1.

**PC 1073 Roger Zarb** xehed illi fit-8 ta` Awissu 2014, ghal habta tad-9.00 a.m. kien xoghol Kastilja, waqfet karozza hdejn r-roundabout, u mar biex jghid lix-xufier biex isuq minn hemm. Mal-vettura kien hemm xi kartelluni mwahhlin. Ix-xufier kien ir-rikorrent. Dan saq u rega` waqaf hdejn il-monument ta` Borg Olivier. Hemmhekk kien stazzjonat PC 3096 li mar ikellmu. Huwa mar jassisti lil PC 3096. Dan qal lir-rikorrent biex isuq u li jekk se jibqa` jirrifjuta kien se jcempel l-Ghassa tal-Belt. Huwa mar lura f`postu u qal li ma jafx x`gara aktar.

**PC 3096 Anthony Francalanza** xehed illi fit-8 ta` Awissu 2014, kien xoghol hdejn Kastilja. Kien hemm ir-rikorrent bil-vettura EAZ 447 li kien wieqaf. Ir-rikorrent beda jinsisti li ried ikellem lill-Prim Ministru ghaliex qal li saret ingustizzja mieghu min-naha tal-MEPA. Minhabba l-fatt li kien qed jostakola t-traffiku qallu biex isuq. Ir-rikorrent irrifjuta, hareg mill-karrozza u serrah maghha. Qalilhom li ma kienx se jnehhi l-vettura minn hemm sakemm imur l-Prim Ministru. Ir-rikorrent qallu li jekk irid seta` johodlu c-cavetta. Qallu wkoll biex ihalluh bi kwietu ghaliex ma kienx qieghed sew. Hareg avviz ta` kontravenzjoni u cempel l-Ghassa Valletta. Mistoqsi mill-

Qorti jekk qattaghlu l-posters, wiegeb li qatt ma misshom. Imbaghad waslu l-kollegi tieghu mill-Ghassa tal-Belt u r-rikorrent mar maghhom.

**Fil-kontroezami**, meta mistoqsi jekk qalx lir-rikorrent biex inehhi l-kartelluni, ikkonferma u ghamel hekk ghaliex kien hemm kliem offensiv kontra l-MEPA. Minbarra dan ir-rikorrent beda jghajjat b`vuci gholja li l-MEPA korrotti u affarijiet bhal dawn. Ghalhekk hu beda jipprova jikkalma lir-rikorrent. Mistoqsi jekk hax c-cavetta tal-karozza wiegeb li ma hadhiex, u li ma kienx qatta` l-kartelluni.

**PC 134 Roderick Sammut** xehed illi hu kien l-Ghassa tal-Belt u qalulu li kien hemm persuna Kastilja li giet akkumpanjata l-Ghassa. Kellu struzzjonijiet biex jakkumpanja lir-rikorrent ic-Centru tas-Sahha Floriana ghaliex ir-rikorrent beda jghid li fil-passat kellu xi episodji ta` kundizzjoni mentali u riedu jaraw dwar dan. Meta kien invistat minn Dr. Scalpello hu qaghad mar-rikorrent il-hin kollu. Hi ghamlitlu xi testijiet preliminari u r-rikorrent qal lit-tabiba li gieli sofra minn skizzofrenja u li kien jiehu xi medicini. It-tabiba staqsietu jekk kienx qed johodhom u r-rikorrent qalilha li kien waqafhom. It-tabiba qalet li ma kenitx qed tara kaz izda li l-ghada kellu jmur l-Isptar Mater Dei. Wara hadu lura l-ghassa tal-Belt.

**Fil-kontroezami** meta mistoqsi kif kien il-komportament tar-rikorrent fil-karozza, wiegeb li kien ftit nervuz u li kien qed jghidlu li qed jaqbdu mieghu u li kien qed jipprova jkellem lill-Prim Ministru. Wara li hallew ic-Centru tas-Sahha kien iktar kalm u bdew jitkellmu dwar il-karozzi. Mistoqsi mill-Qorti jekk huma u sejrin lejn ic-Centru tas-Sahha r-rikorrent semmiex il-kwistjoni ta` l-skizzofrenja, wiegeb li ma kienx semmieha, u li semmieha l-ewwel darba fil-presenza tieghu meta kien qed jigi nvistat minn Dr Scalpello.

**Spettur James Grech** xehed illi wara li l-Ispettur Darryl Borg kien diga` kellem lir-rikorrent qalulu biex jidhol fil-kwistjoni biex jara x`kienet. Kienu qalulu li kien hemm xi hadd qed jipprotesta, li ma kienx qed jobdi l-ordnijiet tal-pulizija, li xtaq ikellem lill-Prim Ministru u li kienu qed jibzghu li kien se jigri xi haga. Huwa ghalhekk tkellem mal-Ispettur Borg, u qallu biex jiehu r-rikorrent id-Depot biex ikellmu. Ikkonferma li ha l-istqarrija tar-rikorrent flimkien mal-Ispettur Borg fit-8 ta` Awissu 2014, u tah it-twissija. Wara l-istqarrija, ir-rikorrent gie skortat min-nies tas-CID il-pyschiatric ward, ghaliex kellu appuntament hemm. Ir-rikorrent inghad kjarament illi jekk irid jipprotesta ghandu jaghmel hekk skont il-ligi u li jekk ma jobdix l-ordnijiet tal-pulizija huwa ksur tal-ligi. Parkegg hazin kien ksur tal-ligi.

**PS 426 Anthony Portelli** xehed illi huwa stazzjonat is-CID mal-Ispettur James Grech. Fit-8 ta` Awisssu 2014 kienu nfurmati li kien hemm xi haga li qeghda tigri quddiem Kastilja. Kien prezenti meta r-rikorrent ghamel l-istqarrija a fol 284 li kkonferma l-kontenut taghha.

## III. Sottomissjonijiet

### 1) Ir-rikorrent

Ighid illi l-fatti huma illi hu mar jipprotesta quddiem l-ufficcju tal-Prim Ministru fil-Berga ta` Kastilja fi tliet okkazjonijiet u cioe` fl-4, fil-5 u fit-8 ta` Awissu 2014. Kull darba twaqqaf milli jipprotesta. Il-fatt biss li r-rikorrent kien mistieden imur l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt hija azzjoni li manifestament waqqfet lir-rikorrent milli jkompli mill-protesta tieghu. Ghalkemm fl-4 ta` Awissu r-rikorrent intalab imur l-Ghassa u ma kienx arrestat, ma jaghti l-ebda raguni valida sabiex jigi akkumpanjat l-Ghassa. Il-fatt li kien ipparkjat fuq *double yellow line* mhijiex raguni valida li kellha zzomm lir-rikorrent ghaliex hija biss kontravenzjoni.

Jissottometti li fil-5 ta` Awissu 2014, meta r-rikorrent rega` mar Kastilja, il-Pulizija rega` haduh l-Ghassa tal-Belt, fejn dam madwar siegha u nofs, u kien imwissi mill-Ispettur Borg sabiex ma jergax imur quddiem Kastilja. Skont ir-rikorrent, anke din l-ordni hija forma ta` restrizzjoni ghad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

Ikompli jghid ir-rikorrent illi fit-8 ta` Awissu 2014 rega` mar hdejn Kastilja u rega` marru l-pulizija sabiex jiehduh l-Ghassa tal-Belt. Mill-Ghassa tal-Belt ittiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. U minn hemm ic-Centru tas-Sahha tal-Floriana fejn kien invistat minn Dr. Scalpello li taghtu appuntament ghall-Isptar Mater Dei l-ghada.

Izda – jirrimarka r-rikorrent – il-pulizija hadu l-karta fejn kellu l-appuntament u rega` haduh il-Kwartieri Generali. Matul dan iz-zmien kollu, ir-rikorrent kien dejjem eskortat. Mill-Kwartieri Generali ttiehed l-Isptar Mater Dei fejn kien invistat mit-Tabib Sant li ghamel karta sabiex r-rikorrent jintbaghat l-Isptar Mount Carmel ghal tlett ijiem. L-ghada s-Sibt ir-

rikorrent kien invistat minn Dr. Giorgio li ghamel ir-rilaxx tar-rikorrent bil-kumment : "*released on no treatment*".

Isostni r-rikorrent illi l-attitudni kollha tal-pulizija kienet illi riedu akkost ta` kollox iwaqqfu lir-rikorrent milli jipprotesta.

Skont ir-rikorrent dak jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu, u ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-ECHR "**Ahmet Sadik vs Greece**" (Nru 18877/91).

**2) L-intimati**

L-intimati jaghmlu riassunt tal-fatti abbazi ta` dak li rrizulta mid-deposizzjoni tax-xhieda.

Issir riferenza ghall-Art 41 tal-Kostituzzjoni u ghall-Art 10 tal-Konvenzjoni.

Kif ukoll riferenza ghad-decizjoni ta` din il-Qorti tat-23 ta` Mejju 2011 fil-kawza "**Av. Deborah Schembri et vs L-Awtorita` tax-Xandir et**".

Ikomplu jirrilevaw illi l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mir-rikorrent ma tirreflettix r-realta`.

Isostnu li r-rikorrent qatt ma gie vjetat mid-dritt ghal-liberta` tal-espressjoni, izda kien biss vjetat milli jipparkja l-vettura tieghu go post fejn kien hemm divjet ta` parkegg.

Inoltre rrizulta li r-rikorrent ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija ripetutament. Fl-istess waqt qatt ma twaqqaf milli jipprotesta. Ghalkemm jirrizulta li l-Pulizija kellmet lir-rikorrent fl-ewwel u fit-tieni okkazjoni, kien biss fit-tielet okkazjoni illi kien arrestat.

Isostnu li mhuwiex lanqas minnu li ma kien hemm l-ebda theddida ghas-sigurta nazzjonali jew ghas-sigurta` pubblika ghaliex l-mod kif zvolgew l-fatti kienu jindikaw mod iehor.

Jissottomettu li l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-pulizija haduh l-isptar "*sakemm sabu tabib li ordnalu jmur Mount Carmel*" hija ghal kollox infondata.

Isostnu li kien ir-rikorrent stess li ma` diversi ufficjali tal-pulizija u f`bosta okkazzjonijiet stqarr li kellu "*mard mentali*". Ghalhekk rinfaccjati b`sitwazzjoni fejn ir-rikorrent kien qieghed ripetutament imur kontra l-ordnijiet legittima tal-Pulizija, dawn hassew il-htiega li jirreferu r-rikorrent ghal *check up* mediku.

Jirrimarkaw illi la huma stess u lanqas il-Qorti ma huma kompetenti sabiex jiddeterminaw l-istat tas-sahha mentali tar-rikorrenti u x-xiehda ta` Dr. Mark Xuereb li huwa t-tabib privat tar-rikorrent u li ma jafx kif zvolgew il-fatti hija ghal kollox irrilevanti.

Skont l-intimati lanqas ma huwa rilevantir-raguni ghar-rilaxx ta` Dr Giorgio.

Ghall-intimati dak li huwa rilevanti mhuwiex jekk ir-rikorrent huwiex skizofreniku jew le, izda jekk il-pulizija rinfaccjati bis-sitwazzjoni u bid-dikjarazzjonijiet li kien qed jaghmel r-rikorrent, aggixxewx ragjonevolment meta rreferewh ghal check up il-health centre.

Ghall-intimati l-pulizija aggixew ragjonevolment u minn hemm `il quddiem id-decizjonijiet ma kienux taghhom izda kienu esklussivament tat-tobba.

Ghalhekk l-assjem tal-fatti juri li r-rikorrent ma kienx imcahhad mid-dritt tieghu ghal liberta` tal-espressjoni ghax l-allegazzjonjiet tieghu huma nfondati u nsostenibbli.

## IV. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

Fl-ewwel eccezzjoni, kien eccepit illi l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrent billi ma hemm xejn fil-premessi tal-azzjoni tar-rikorrent li jista` jigi addebitat lilu.

**L-Art 181B tal-Kap 12** jistabilixxi illi –

*(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :*

*Izda, minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta` dan l- artikolu :*

*(a) kawzi ghall-gbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern jistghu f`kull kaz isiru mill-Accountant Generali ;*

*(b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta` servizz mal-Gvern jistghu f`kull kaz isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;*

*(c) kawzi dwar kuntratti ta` provvista jew ta` appalt mal- Gvern jistghu f`kull kaz isiru mid-Direttur tal- Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f`dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad- dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*

Huwa evidenti minn din id-disposizzjoni meta u fejn l-Avukat Generali ghandu jkun imharrek.

Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi, tal-lum mhuwiex kaz fejn l-Avukat Generali ghandu jkun imharrek. Infatti jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent dwar allegat ksur tal-jedd tieghu ghal-liberta` tal-espressjoni huwa dirett lejn l-agir tal-membri tal-korp tal-pulizija fil-konfront tieghu. Skont ir-rikorrent, bl-imgieba taghhom, il-membri tal-korp ghamlu vjolazzjoni ta` l-jedd tieghu ghal-liberta` tal-espressjoni, jedd protett bl-Art 41 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 10 ta` l-Konvenzjoni. Fl-istanza kif dedotta u promossa mir-rikorrent, l-Avukat Generali ma jinkwadra mkien – lanqas indirettament. Huwa evidenti li l-istanza tar-rikorrent hija diretta kontra l-Kummissarju tal-Pulizija ghaliex fil-mansjonijiet tieghu taqa` r-responsabilita` oggettiva ghall-agir tal-membri tal-korp. Ghalhekk huwa l-legittimu kontradittur tar-rikorrent bl-eskluzjoni ta` l-Avukat Generali.

**Il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni u tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.**

## V. Konsiderazzjoni dwar il-mertu

### 1. Il-fatti fil-qosor

#### a) L-ewwel incident (4 ta` Awissu 2014)

Fl-4 ta` Awissu 2014, ir-rikorrent kellu nkontru l-MEPA ma` ufficjal tal-Awtorita` u dehrlu li kien gie trattat hazin. Ghalhekk mar bil-karozza tieghu lejn il-Berga ta` Kastilja ghax ried ikellem lill-Prim Ministru. Meta wasal fil-Pjazza ta` Kastilja, waqqaf il-vettura tieghu hdejn il-bankina ta` quddiem it-tarag ta` l-Berga. Membru tal-korp tal-pulizija li kien ghassa fil-post qal lir-rikorrent biex isuq minn hemm. Ir-rikorrent qal lill-pulizija li kien se jdum ftit tal-hin biss, hareg mill-karozza, tela` t-tarag ta` Kastilja u mar ikellem lill-membru tal-AFM li jkun ghassa mal-bieb principali tal-Berga. Dan ma halliex lir-rikorrent jidhol gewwa. U qallu li ried ikollu appuntament. Ir-rikorrent rega` mar hdejn il-karozza tieghu u ra lill-pulizija ta` qabel jaghtih citazzjoni ghal kontravvenzjoni ta` parkegg. Ghalhekk ir-rikorrent mar u qaghad bilqeghda fit-tarag ta` Kastilja. Il-pulizija pprova jqajjem lir-rikorrent, izda dan irrifjuta. Waslu xi pulizija mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt u wara li r-rikorrent caqlaq il-vettura, mar maghhom l-Ghassa. Wara xi hin l-Ghassa mar lura ghall-vettura u telaq.

#### b) It-tieni incident (5 ta` Awissu 2014)

Fil-5 ta` Awissu 2014, ir-rikorrent rega` mar Kastilja. Din id-darba, mal-vettura tieghu, ir-rikorrent wahhal numru ta` posters sabiex jipprotesta kontra l-agir tal-MEPA fil-konfront tieghu. Mar jipparkja fejn hemm l-istatwa ta` George Borg Olivier, u wara li hareg mill-vettura qaghad iserrah maghha. Il-pulizija li kien hemm stazzjonat Kastilja qallu li kien qieghed ipparkjat hazin ghaliex kien qieghed fuq id-double yellow line. Ghalhekk qallu biex inehhi l-vettura minn hemm u r-rikorrent irrifjuta. Rega` marru fuq il-post l-pulizija mill-Ghassa tal-Belt li hadu lir-rikorrent l-Ghassa. Wara li rrilaxxja stqarrija thalla jitlaq.

**c) <u>It-tielet incident</u>**
**(8 ta` Awissu 2014)**

Fit-8 ta` Awissu 2014, ir-rikorrent rega` mar Kastilja bil-karozza tieghu, li kellha posters imwahhlin go fiha u pparkja fejn kien ipparkja fil-5 ta` Awissu 2014. Il-pulizija li kien ghassa ma` Kastilja rega` mar fuq ir-rikorrent, u qallu li ghax kien ipparkjat irregolarment, kellu jnehhi l-vettura. Ir-rikorrent halla l-vettura fil-post. Dak il-pulizija cempel l-Ghassa tal-Belt, minn hemm waslu xi pulizija, u hadu lir-rikorrent l-Ghassa taht arrest.

Billi kien allegat min-naha tal-pulizija illi r-rikorrent semmielhom li kien qieghed jigi trattat ghal ragunijiet ta` sahha mentali, ir-rikorrent ittiehed ic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u wara li kien invistat minn tabiba li kienet ghassa, harget lir-rikorrent referral ticket biex l-ghada jmur ghal ezami l-Isptar Mater Dei. Ir-referral ticket inzamm mill-pulizija. Mic-Centru tas-Sahha, ir-rikorrent ittiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn kien interrogat mill-Ispettur Darryl Borg mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt u mill-Ispettur James Grech mic-CID. Ir-rikorrent irrilaxxja stqarrija.

Mill-Kwartieri, ir-rikorrent ittiehed l-Isptar Mater Dei fejn kien invistat minn tabib tal-ghassa fil-Crisis Unit. Wara li kien invistat u billi r-rikorrent ma riedx li tkun infurmata l-familja tieghu, inhareg emergency order u r-rikorrentittiehed l-Isptar Mount Carmel.

Meta wasal Mount Carmel, ir-rikorrent kien invistat minn tabiba li kienet ghassa li ammettietu l-isptar. Go Mount Carmel, ir-rikorrent ma rcieva l-ebda kura jew trattament. L-ghada kien invistat mill-konsulent Dr. Giorgio u wara dak l-ezami r-rikorrent kien rilaxxjat.

**2. <u>L-ilment</u>**

**Ir-rikorrent qieghed jilmenta illi fil-mod kif kien trattat mill-Pulizija garrab lezjoni tal-jedd fondamentali tieghu tal-liberta` tal-espressjoni kif imhares bl-Art 41 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 10 tal-Konvenzjoni.**

**a) <u>L-Art 41 tal-Kostituzzjoni</u>**

Id-disposizzjoni taqra :-

*(1) Hlief bil-kunsens tieghu stess jew bhala dixxiplina tal-ġenituri, hadd ma ghandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tieghu ta` espressjoni, maghduda libertà li jkollu fehmiet minghajr indhil, libertà li jirċievi idejiet u taghrif minghajr indhil, libertà li jikkomunika idejiet u taghrif minghajr indhil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta` persuni) u libertà minn indhil dwar il-korrispondenza tieghu.*

*(2) Ebda haġa li hemm fi jew maghmula skont l-awtorità ta` xi liġi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma` jew bi ksur tas- subartikolu (1) ta` dan l-artikolu safejn dik il-liġi taghmel provvediment -*

*(a) li jkun mehtieġ raġonevolment –*

*(i) fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, jew sahha pubblika ; jew*

*(ii) sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta` persuni ohra, jew il-hajja privata ta` persuni li jkollhom x`jaqsmu ma` proċeduri legali, jiġi evitat il-kxif ta` taghrif riċevut sigriet, tiġi miżmuma l-awtorità u l- indipendenza tal-qrati, jiġu protetti l-privileġġi tal-Parlament, jew jiġu regolati t-telefonu, it-telegrafu, il-posta, ix-xandir bil-wireless, it-televiżjoni jew mezzi ohra ta` komunikazzjoni, esibizzjonijiet pubbliċi jew divertimenti pubbliċi ; jew*

*(b) li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi,*

*u hlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-haġa maghmula skont l-awtorità tieghu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f`soċjetà demokratika.*

**Filwaqt li min-naha tieghu r-rikorrent isostni li kull ma ghamel fit-tliet okkazjonijiet li mar fil-Pjazza ta` Kastilja, Valletta, kien jinkwadra ruhu fil-jedd li jesprimi l-fehma tieghu fil-parametri tal-Art 41(1), min-naha l-ohra l-Kummissarju tal-Pulizija jirribatti billi jghid li l-membri tal-korp kellhom kull jedd skont il-ligi illi jagixxu bil-mod kif ghamlu mar-rikorrent ghal ragunijiet ta` sigurta` pubblika jew ordni pubbliku kif previst bl-Art 41(2) ; ghalhekk ma kien hemm l-ebda ksur tal-Art 41(1) tal-Kostituzzjoni.**

**Il-Qorti qeghda tissenjala *in primis* is-sostanza tal-kontestazzjoni anke sabiex il-gurisprudenza u dottrina li tigi citata tkun rilevanti ghall-fattispeci tal-kaz taht ezami. Fil-kawza tal-lum, mhux qed jigi skrutinat b`mod generali l-jedd tal-liberta` tal-espressjoni fid-diversi sfrumaturi tieghu, izda qieghed jigi stabbilit jekk fil-fattispeci ta` dan il-kaz kienx hemm vjolazzjoni nkella le.**

**Propju ghalhekk il-Qorti ma tqisx bhala rilevanti ghal dan il-kaz ir-riferenza li ghamlu l-intimati ghas-sentenza taghha kif presjeduta tat-23 ta` Mejju 2011 fil-kawza "Av. Deborah Schembri et vs L-Awtorita` tax-Xandir et" (li minnha ma kienx hemm appell) ghaliex hemm il-fatti u cirkostanzi kienu ghal kollox diversi. Anke d-dottrina hemm citata ma tistax tigi trasposta ghall-kaz tal-lum propju ghaliex dik id-dottrina kienet maghzula u mahsuba sabiex tindirizza c-cirkostanzi ta` dak il-kaz.**

Dan premess, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li nghatat fil-25 ta` Gunju 1976 fil-kawza "**Mons Philip Calleja vs Spettur Dennis Balzan**" fejn il-Qorti ta` l-Appell qalet –

*"Wiehed mill-elementi posittivi tal-liberta tal-espressjoni hi l-ghazla tal-medium ta` l-espressjoni nnifisha. Li wiehed silenzjosament u ghal kollox pacifikament izomm biss f`idejh poster b`xi haga miktuba li biha jesprimi opinjoni li b`xi mod ma tkunx kontra l-ligi hu forsi l-MINIMUM rikonoxxut lil kull cittadin. Li mbaghad, l-opinjoni hekk espressa f`dik il-kitba ma toghgobx lil xi hadd li jhaddan opinjoni differenti mhux hag`ohra hlief manifestazzjoni ta` propju l-istess dritt ta` liberta ta` espressjoni.*

*Huwa ghal kollox apprezzat li jista` certament ikun hemm cirkostanzi tali fejn anki sitwazzjoni ta` min semplicement izomm f`idejh poster b`kitba li fih tista` koncepibilment tiggustifika mizura ta` indhil f`din il-manifestazzjoni ta` espressjoni, izda jekk dan id-dritt ghandu jkollu xi valur, dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu fihom infushom ta` certa gravita u urgenza ossija jridu jkunu relatati fi grad ragjonevolment sufficjenti mas-serjeta` u prossimita tal-ghawg li jkun irid jigi skongrat."*

Fis-sentenza li tat fid-29 ta` Novembru 1986 fil-kawza "**Dott. Eddie Fenech Adami noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**", il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*"Il-Qorti, fil-hin li zzomm quddiem ghajnejha l-preokkupazzjoni ta` l-awtoritajiet ikkoncernati u x-xewqa taghhom li jigu skansati incidenti serji f`pajjizna, ma tistax tinsa li ahna nies li nuru tolleranza ghal xulxin, civilizzati bizzejjed sabiex nizguraw li haddiehor ghandu jkun liberu li jiltaqa` u jitkellem avvolja dak li jista` jinghad ma jkun jinzel xejn ghal widnejna, u min-naha l-ohra nizguraw ukoll li fil-laqghat taghna pubblici jew privati, x`ikunu, jithallew mhux mittiefsa d-drittijiet u libertajiet ta` haddiehor. Jekk hemm xi biza` li jkun hemm xi whud li jimminaccaw dawn d-drittijiet u libertajiet li m`humiex biss drittijiet u libertajiet affermati fil-karta tal-Kostituzzjoni, imma jezistu qabel kollox fl-essenza stess tal-bniedem, ikun id-dmir ta` l-awtorita responsabbli ghaz-zamma tas-sigurta` pubblika u ta` l-ordni pubbliku, li tara li l-minaccja tigi mxejna bl-uzu tal-mezzi kollha disponibbli ghaliha, imma qatt billi xxejjen l-istess drittijiet u libertajiet li jkun hekk illegalment minaccati."*

Il-kawza fl-ismijiet "**Francis Zammit Dimech et vs Kummissarju tal-Pulizija**" li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Novembru 1987 kienet tittratta kaz fejn ir-rikorrenti, ghaqda ta` studenti, organizzaw `*silent march*` li fil-kors tieghu safa` sfrattat. Ir-rikorrenti allegaw li saret lezjoni fil-konfront taghhom tad-dritt ghal-liberta` ta` espressjoni. L-Ewwel Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u laqghet it-talbiet. Sostniet il-Qorti li kien dmir tal-Kummissarju tal-Pulizija illi jissorvelja halli jara li r-rikorrenti setghu jezercitaw id-dritt ta` espressjoni taghhom minghajr intralc. In-nuqqas ta` sorveljanza effettiva da parti ta` l-intimat kienet tammonta ghal-lezjoni ta` dak id-dritt.

## b) L-Art 10 tal-Konvenzjoni

Id-disposizzjoni taqra :-

*1. Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta` ta` espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta li jkollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorita` pubblika u minghajr ma jittiehed kont ta` fruntieri. Dan l-Artikolu ma ghandux jimpedixxi Stati milli jehtiegu licenzi ghax-xandir, televizjoni jew imprizi cinematografici.*

*2. L-ezercizzju ta` dawn il-libertajiet, billi jgib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista` jkun suggett ghal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b`ligi u li jkunu mehtiega f` socjeta` demokratika, interessi tas-sigurta` nazzjonali, integrita` territorjali jew sigurta` pubblika, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta` delitti, ghall-protezzjoni tas- sahha jew tal-morali, ghall-protezzjoni tar-*

*reputazzjoni jew drittijiet ta` haddiehor, biex jigi evitat il-kxif ta` informazzjoni ricevuta b`sigriet, jew biex tigi mizmuma l-awtorita` u l-imparzjalita` tal-gudikatura.*

**Dak li ndikat il-Qorti aktar kmieni bhala l-parametri tal-ilment tar-rikorrent skont l-Art 41(1) tal-Kostituzzjoni u d-difiza tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-azzjoni tar-rikorrent abbazi tal-Art 41(2) tal-Kostituzzjoni jghoddu ghall-vjolazzjoni lamentata mir-rikorrent ghall-Art 10(1) tal-Konvenzjoni u ghad-difiza tal-intimat ghal-azzjoni skont l-Art 10(2) tal-Konvenzjoni.**

**Il-Qorti sejra tirreferi ghal dottrina <u>rilevanti u applikabbli</u> ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum dwar l-interpretazzjoni mill-ECHR tal-Art 10 tal-Konvenzjoni.**

Fil-pag 779 et seq ta` "**<u>Theory and Practice of the European Convention on Human Rights</u>**" (Fourth Edition – 2006 – Intersentia) Pieter van Dijk, Fried van Hoof, Arjen van Rijn u Leo Zwaak ighidu hekk :-

*… the first paragraph of Article 10 offers a broad protection … The content of the expressions seems to be irrelevant too as the Court has held, with reference to the demands of a democratic society, that Article 10 is also applicable to information or ideas that offend, shock or disturb.*

*The fact that Article 10 protects the free expression of opinions implies that a rather strong emphasis is laid on the protection of the specific means by which the opinion is expressed. The Court has expressly upheld that Article 10 protects not only the substance of ideas and information but also the form in which they are conveyed.*

*… the Court has taken the position that the exceptions to the freedom of expression "must be narrowly interpreted and the necessity for any restrictions mus be convincingly established".*

*… Even when statements paint an extremely negative picture … they can be permissible as long as they do not encourage violence, armed resistance or insurrection and do not constitute hate speech.*

Fil-pag 444 et seq ta` "**<u>Law of the European Convention on Human Rights</u>**" (Oxford - Second Edition – 2009) l-awturi Harris, O`Boyle & Warwick ighidu hekk :-

*The scope of protection under Article 10 is to be broadly interpreted so as to encompass not only the substance of information and ideas, but also a diverse variety of forms and means in which they are manifested, transmitted, and received. Because of the demands of pluralism, tolerance and broadmindeness, the scope of protection under Article 10 is broadened to cover information or ideas that are unpalatable to the state …*

*The notion of public interest has an autonomous and broad meaning in the Convention. It has been liberallu construed in the case law to encompass social, economic, cultural or even commercial and religious aspects …*

Fil-pag 278 et seq ta` "**European Human Rights Law**" (Oxford – Third Edition – 2008) l-awturi Janis, Kay & Bradley ighidu hekk :-

*Necessarily States feel a particular need to restrict expression in situations affecting military, diplomatic or intelligence matters. When such restrictions have been challenged under the Convention, the European Court has considered them under Article 10(2) which permits limitations on expression "necessary in a democratic society in the interests of public safety (and) for the prevention of disorder or crime."*

Fil-pag 4288 et seq ta` "**The European Convention on Human Rights**" (Oxford – Fifth Edition – 2010) l-awturi White & Ovey ighidu hekk :-

*The situations in which a restriction may be justifiable include the need to protect important public interests – such as national security, territorial integrity, freedom from crime and disorder, health and morality, and the authority and impartiality of the judiciary – and also other individual rights, such a person`s right to privacy and reputation. The margin of appreciation allowed to Contracting Parties in restricting freedom of expression will vary depending on the purpose and nature of the limitation and of the expression in question …*

*On the other side of the balance, to be weighed against the importance of the aim pursued by the restriction, is the nature of the expression restricted. The Strasbourg Court takes into account the fact that, in the context of effective political democracy and respect for human rights mentioned in the Preamble to the Convention, freedom of expression not only is important in itself but also plays a central role in the protection of the otrher rights under the Convention. Thus the Court consistently gives a higher level of protection to publications and speech which contribute towards social and political debate, criticism, and information – the broadest sense.*

L-istess awturi jaghmlu riferenza ghad-decizjoni tal-ECHR fil-kaz ta` "**Lindon, Otchakovsky-Laurens and July v. France**" (Apps. 21279/02 u 36448/02) tat-22 ta` Ottubru 2007 fejn inghad hekk :-

*45. … The Court`s task inb exercising its supervisory jurisdiction, is not to take the place of the competent national authorities but rather to review under Article 10 the decisions they delivered pursuant to their power of appreciation. This does not mean that supervision is limited to ascertaining whether the respondent State exercised its discretion reasonably, carefully and in good faith ; what the Court has to do is to look at the interference complained of in the light of the case as a whole and determine whether the reasons adduced by the national authorities to justify it are "relevant and sufficient" and whether it was "proportionate to the legitimate aim pursued". In doing so, the Court has to satisfy itself that the national authorities applied standards which were in conformity with the principles embodied in Article 10 and, moreover, that they relied on an acceptable assessment of the relevant facts …*

*46. There is little scvope under Article 10(2) of the Convention for restrictions oin freedom of expression in the area of political speech or debate – where freedom of expression is of utmost importance …*

*Furthermore, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance …*

## 3. L-ewwel talba

**Sostanzjalment id-disposizzjonijiet citati aktar kmieni u li jharsu d-dritt fondamentali tal-liberta` tal-espressjoni, jinkludu d-dritt li persuna jkollha opinjoni, u li xxandar il-fehma taghha minghajr indhil mill-awtorita` pubblika. Fl-istess waqt dan id-dritt huwa suggett ghal kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet skont dak li hu ragjonevoli u skont kif mehtieg gewwa socjeta` demokratika.**

Il-Qorti sejra tqis l-imgieba tar-rikorrent u tal-membri tal-korp tal-pulizija fit-tliet granet in kwistjoni.

Fl-ewwel gurnata, u cioe` l-4 ta` Awissu 2014, l-imgieba tar-rikorrent fl-assjem taghha ma kenitx indikattiva ta` periklu ghal xi hadd. Li ghamel dakinhar kienet kontravvenzjoni ghaliex ipparkja fejn ma kienx permess. Il-fatt li qaghad bilqeghda fit-tarag ta` l-Berga ta` Kastilja aktar milli att ta` illegalita` kien att ta` mprudenza motivat fir-realta` minn disperazzjoni. Kellux ragun ikun iddisprat inkella le mhijiex rilevanti. Sa dakinhar lanqas protesta ma kien ghamel ghaliex li ried ir-rikorrent dakinhar kien li jkellem lill-Prim Ministru – xejn aktar. L-imgieba tieghu – anke forsi antikonformista tenut kont tal-*forma mentis* ta` l-poplu taghna – ma kenitx tmur oltre. Meta l-pulizija qalulu biex iqum, hekk ghamel, u ma ghamel l-ebda forma ta` resistenza.

Fit-tieni gurnata, u cioe` il-5 ta` Awissu 2014, din il-Qorti tqis l-imgieba tar-rikorrent bhala forma ta` protesta silenzjuza fis-sens li pparkja l-karozza, hareg minnha, u qaghda jistrieh maghha. Fil-vettura kellu l-posters ta` protesta pero` ma jirrizultax li harighom barra. Incidentalment irrizulta li dawk il-posters ma kienux kontra l-Kap tal-Gvern u cioe` il-Prim Ministru izda kontra l-MEPA. Kien hemm reazzjoni mill-pulizija ghaliex il-membri tal-korp intebhu li r-rikorrent kien l-istess persuna tal-jum ta` qabel. Din il-Qorti ma tqisx li ghal xi mument dakinhar ir-rikorrent holoq sitwazzjoni ta` riskju ghall-ordni pubbliku jew ghas-sigurta` tal-pajjiz. Ir-rikorrent ried jipprotesta bil-mod li ghazel hu fl-aktar post prominenti fil-pajjiz u cioe` *the seat of government.* Billi bhall-jum ta` qabel ma kienx pparkjat tajjeb, il-pulizija tat ordni lir-rikorrent biex iwarrab. Fil-verita` t-thassib tal-pulizija ma kienx il-parkegg hazin. Ma kienx il-fatt li nghata ordni u r-rikorrent ma qaghadx ghal dik l-ordni ghaliex altrimenti kienet tohrog akkuzi f`dak is-sens kontra r-rikorrent. L-interess tal-pulizija kien illi r-rikorrent ifittex iwarrab minn hemm ghal mitt raguni – li wahda minnhom pero` ma kenitx periklu ghas-sigurta`.

Fit-tielet gurnata, u cioe` t-8 ta` Awissu 2014, ir-rikorrent rega` mar Pjazza Kastilja, u pparkja l-vettura. Din id-darba l-posters kienu mwahhlin mal-karozza b`mod illi seta` jarahom kulhadd. U qaghad hemm. Il-posters kienu ta` protesta kontra l-MEPA. L-Ispettur Darryl Borg jixhed li kienet decizjoni tieghu li r-rikorrent jigi arrestat. Ir-raguni ghall-arrest kienet li r-rikorrent ma kienx obda l-ordnijiet legittimi tal-pulizija u cioe` li jwarrab ghaliex kien ipparkjat hazin. Ghal dik li hija mizura (*measure*) fl-imgieba tal-pulizija, tajjeb jinghad illi mhijiex in-norma li jkun hemm arrest ta` persuna ghaliex ikun hemm parkegg hazin u l-persuna tirrifjuta li twarrab. Jinsorgi ghalhekk is-suspett illi l-arrest sar ghaliex iva l-vettura ma kenitx ipparkjata tajjeb, iva x-xufier meta ordnat ma nehhiex il-vettura, izda iva wkoll ghaliex mal-vettura kien hemm imwahhlin il-posters ta` protesta

kontra l-MEPA minn tant postijiet quddiem l-ufficcju tal-Prim Ministru ! Ghal din il-Qorti l-assjem kien pretest sabiex ir-rikorrent ma jithalliex jibqa` fuq il-post minhabba l-protesta tieghu.

Ikompli jinghad illi wara li safa` arrestat, ir-rikorrent ittiehed ic-Centru tas-Sahha tal-Floriana ghaliex *jidher* li r-rikorrent kien qed jircievi kura ghal depressjoni, fatt li *jidher* li stqarru r-rikorrent stess. Il-Qorti tirrileva li ma rrizultat l-ebda relazzjoni bejn l-istat depressiv kontrollat tar-rikorrent (ara d-deposizzjoni ta` Dr Mark Xuereb) u l-agir tar-rikorrent gol-Pjazza ta` Kastilja. Ghal aktar kjarezza, l-istat depressiv tar-rikorrent ma kien qatt ta` riskju ghal hadd, u b`hadd, il-Qorti tfisser – hadd ! Dr Scalpello tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana ma kienx dehrilha li r-rikorrent ghandu jittiehed **immedjatament** l-Isptar Mater Dei jew l-Isptar Monte Carmeli minhabba l-allegata kondizzjoni tieghu. Fil-fatt taghtu referral ticket biex imur l-gurnata **ta` wara wahdu u mhux akkumpanjat mill-pulizija**. Kienet decizjoni tal-pulizija li johduh huma l-Isptar Mater Dei fl-istess gurnata. Dak li gara wara dan huwa konsegwenza ta` dak il-fatt u wiehed m`ghandux jitfa` xi tort fuq it-tobba. L-apice ta` kollox kien dak li gara l-Isptar Monte Carmeli fejn thalla lejl u l-ghada kien rilaxxjat ghaliex ma kien jehtieg l-ebda kura.

**Il-Qorti ticcensura minghajr rizerva l-kondotta tal-pulizija ghaliex fil-verita` bezghet mill-protesta tar-rikorrent, u fittxet kull pretest sabiex ma thallix lir-rikorrent jaghmel din il-protesta tieghu. Marret mill-kwistjoni tal-parkegg hazin sar-rikoveru ghal kollox inutili – spejjez tal-Istat – fl-Isptar Monte Carmeli. F`dan tal-ahhar, marret oltre ghaliex ippregudikat id-dinjita` stessa tar-rikorrent. Id-dritt tal-protesta huwa parti ntegrali mid-dritt ghal-liberta` tal-espressjoni – u hekk ghandu jibqa` tutelat – mhux fil-principju izda ghaliex hekk jesigi l-ahjar interess tad-demokrazija ta` pajjiz.**

**Sostnuta mid-dottrina u mill-gurisprudenza li ghaliha ghamlet riferenza aktar kmieni, il-Qorti taghmel enfasi fuq il-fatt illi sabiex ikun gustifikat intervent li jincidi fuq id-dritt ghal-liberta ta` espressjoni trid issir il-prova – u l-prova trid tkun determinanti u konklussiva – li kien hemm periklu manifest ghall-ordni u sigurta` pubblika, periklu li kien imminenti, u li ma seta` bl-ebda mod jigi evitat. Jekk din l-prova tkun karenti, allura ikun hemm vjolazzjoni u hadd m`ghandu jgib `il quddiem bhala skuzanti tal-imgieba tieghu l-pretest tal-ordni pubbliku. Fil-kaz tal-lum, il-Qorti terga` tinsisti li ma jirrizultax li qatt kien hemm xi periklu ghall-ordni pubbliku ta` xi xorta jew natura.**

Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju li l-mod kif il-pulizija rreagiet ghall-imgieba tar-rikorrent qabzet kull limitu accettabbli gewwa socjeta` demokratika fejn it-thaddim tal-jeddijiet fondamentali tal-persuna mhux biss ghandhom ikunu rispettati izda ghandhom isibu t-tutela li jimmeritaw ghat-twettieq taghhom b`tali mod illi m`ghandhom qatt ikunu rinfaccjati b`hitan – tkun xi tkun in-natura ta` dawn il-hitan !

Ghalhekk il-Qorti sejra <u>tilqa</u>` l-ewwel domanda tar-rikorrent.

4. <u>It-tieni u t-tielet talbiet</u>

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma li dawn iz-zewg talbiet ghandhom jingemghu fi provvediment wiehed fis-sens illi riskontrata l-vjolazzjoni, ir-rikorrent haqqu kumpens gust u adegwat fil-kuntest tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz.

Meta tqis il-grajja fl-assjem taghha, in partikolari l-umiljazzjoni li kellu jghaddi minnha r-rikorrent, partikolarment meta spicca ttiehed l-Isptar Monte Carmeli – meta rrizulta li ma kienx hemm htiega - tghid illi r-rikorrent ghandu jinghata kumpens fl-ammont ta` elfejn Ewro (€2,000) ghall-vjolazzjoni mgarrba.

<u>Decizjoni</u>

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-

Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati.

Tilqa` l-ewwel talba tar-rikorrent.

Tipprovdi dwar it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent billi tillikwida kumpens favur ir-rikorrent ghall-vjolazzjoni li garrab tal-

**Art 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Art 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Ghalhekk tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrent kumpens ghall-istess vjolazzjoni fl-ammont ta` elfejn Ewro (€2,000).**

**Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**